**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 28 ta' Frar, 2024**

Numru 33

**Appell Nru. 81/2023**

**Edgaras Piesis**

**vs**

**L-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Edgaras Piesis tal-21 ta' Novembru 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-9 ta' Novembru 2023 li biha cahad l-appell u ikkonferma l-avviz dwar multa amministrattiva CRM371/22 mahrug fil-konfront tal-appellant rigward 'Depozitu ta' materjal tal-bini, terrapien, gebel, jew materjal skavat, fi kwalunke kwantita, inkluz xkora, borza, kaxxa jew recipjet bil-madum pajpijiet mhux uzati, cangaturi u kull materjal iehor li jikser ir-regolament 4A ta' L.S. 549.40 – l-abandonment, rimi u regolamenti dwar rimi ta' skart fi toroq u postijiet jew zoni pubblici' f'Birkirkara;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell huwa intavolat kontra multa amministrattiva ta' Eur1,000 mahruga mill-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi fit-12 ta' Awwissu 2022 fuq Edgaras Piesis minhabba depozitu ta' materjal tal-bini, terrapien, gebel, jew materjal skavat, inkluz xkora, borza, kaxxa jew recipjent bil-madum, pajpijiet mhux uzati, cangaturi, u kull materjal iehor li jikser ir-Regolament 4A tal-L.S.549.40, f'sit accessibbli minn Sqaq l-Ibghal, f'Birkirkara.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellant qed iressaq is-segwenti aggravju kontra limpozizzjoni tal-multa amministrattiva:
Illi ma hemm l-ebda forma ta' prova li torbot lill-appellant mal-materjal li effettivament gie misjub fi Sqaq l-Ibghal, f'Birkirkara. Illi dakinhar li sehh l-incident l-appellant kien jinsab fl-appartament talklijent tieghu fejn kien qed jigbor l-ghodda relatati max-xoghlijiet mwettqa minnu kif ukoll kines ilfond sabiex is-sid ikun jista' jibda xoghlijiet ulterjuri, u ma kellu ebda skart ta' kostruzzjoni x'jiddisponi minnu. Ghalkemm l-appellant u l-kollega tieghu semghu il-hoss, kien biss wara li semghu ghajjat ta' terza persuna li ttawwlu ghal barra sabiex jaraw x'gara, liema persuna bdiet tallega li kienu huma li tefghu il-materjal fit-triq u baqghet tippersisti sakemm irrapurtathom lill-pulizija. Illi ssitwazzjoni kienet kollha wahda ipotetika krejata minn terza persuna li ma rax il-fatti, u ghalhekk tali allegazzjoni m'ghandhiex tinghata piz, iktar u iktar meta l-appellant ma kien jidher imkien fil-hin li gie kommess l-allegat incident.

Illi fir-risposta taghha ghal dan l-appell, l-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi baqghet ferma mad-decizjoni taghha u fil-konfront ta' l-aggravju mressaq mill-appellant targumenta li tterza persuna li jirreferi ghaliha l-appellant kienu filfatt tliet ufficjali mill-Awtorita' li kienu qed jaghmlu spezzjoni fl-inhawi. u li raw b'ghajnejhom persuna twaddab il-gebla millgallarija in kwistjoni. Jinghad li l-assistenza tal-pulizija ntalbet mill-ufficjali stess minhabba nuqqas ta' kooperazzjoni mill-appellant li beda jirrifjuta li jaghti d-dettalji tieghu, u kien propju bl-intervent tal-pulizija li l-appellant ikkoopera mal-ufficjali tal-Awtorita'.

Ghaldaqstant, l-Awtorita' tishaq li l-multa mposta minnha hija gusta u pproporzjonata.

Illi fil-mori tal-appell gie sottomess affidavit guramentat tal-ufficjal ta' l-ERA Lee Degiorgio li jispjega li, flimkien ma' zewg kollegi ohra tieghu, kienu wettqu spezzjoni fi Sqaq l-Ibghal nhar il-31 ta' Mejju 2022, u li kienu qed imorru sikwiet jaghmlu tali spezzjonijiet minhabba li kien qed ikun hemm hafna rapporti ta' rimi llegali, inkluz rapporti fil-media. L-ufficjal Degiorgio jispjega li dakinhar tal-31 ta' Mejju 2022 raw lil xi hadd iwaddab gebla minn go gallarija tat-tieni sular fi blokka appartamenti u huma ghajtu lil min waddab il-gebla sabiex ikellmuh u biex jidentifika ruhu, izda hu dahal lura fl-appartament u minflok hareg ragel iehor fil-gallarija. Dan ta' l-ahhar staqsa jekk ghandhomx video recording li turi li kienu huma li waddbu l-gebla u nizel hdejhom bir-rabja. Jinghad li huma identifikaw ruhhom mieghu bhala ufficjali tal-ERA u bdew ikellmuh bil-kelma t-tajba, fejn spjegawlu li kienu ttlieta li huma li raw lil xi hadd iwaddab gebla mill-gallarija fejn hareg hu. Jirrizulta li wara li talbuh id-dettalji tal-persuna li waddbet il-gebla, inkluz id-dettalji tieghu, hu ma kkoperax maghhom u s-sitwazzjoni baqghet tiskala tant li kellhom jitolbu l-assisztenza tal-pulizija. Lufficjal ikompli jispjega li kien wara li

kellmuh il-pulizija li identifika ruhu bhala Edgaras Piesis, ossia l-appellant, u qal li kien qed jiehu r-responsabilita' hu. Jinghad ulterjorment li wara li dahlu mal-pulizija fil-post sabiex ifittxu l-persuna l-ohra li rema l-gebla mill-gallarija ma sabuhx u setghu jinnotaw li l-post, ghalkemm kien kwazi lest, kienu qed isiru xi xoghlijiet ta' zbarazzar go fih.

Illi fil-mori tal-appell gew sottomessi wkoll affidavits guramentati ta' l-ufficjali tal-ERA Yanica Grima u Mark Joe Mercieca li jikkonfermaw li kienu qed jassisstu lil Lee Degiorgio waqt l-ispezzjoni li saret nhar il-31 ta' Mejju 2022. L-ufficjal Grima tikkonferma wkoll li rat ragel jitfa' gebla ghal isfel minn gol-gallarija fi blokka appartamenti li kienet qed titranga u tispjega li kienu l-kollegi taghha li kellmu lil min kien hemm fil-post, filwaqt li hi hadet iddettalji tal-persuna fil-prezenza tal-pulizija. Tikkonferma wkoll li r-ragel li ha responsabilita' ghar-rimi identifika ruhu bhala Edgaras Pieses. L-ufficjal Mercieca min-naha tieghu jghid li qara l-kontenut tal-affidavits tal-kollegi tieghu u jikkonferma l-fatti kif gew spjegati minnhom.

Illi waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2023 xehdet bil-gurament l-ufficjal tal-ERA Yanica Grima fejn tispjega li ghalkemm hi ma telghetx fil-post fejn kien l-appellant, il-kollegi taghha telghu mal-Pulizija u lilha qalulha li fil-post bdew jizbarazzaw. Illi waqt l-istess seduta xehed ukoll bil-gurament l-ufficjal tal-ERA Lee Degiorgio. Meta mistoqsi jekk fl-istess gurnata inharigx rapport fuq xi hadd iehor fi propjeta' ohra, hu jikkonferma li dik il-gurnata kien dan il-kaz biss li ghamel hu, ghalkemm jispjega li kien hemm xi residenti ohra li kienu ha johorgu liskart u peres li kienu ghadhom ma telquhx minn idejhom, huma kellhom dritt ikellmuhom, ghalkemm dawn ir-residenti ma kinux jikkoncernaw l-istess blokka. L-ufficjal jikkonferma li hu tela' fl-appartament minn fejn intefghet il-gebla flimkien ma' kollega iehor wara li gew ilPulizija. Hu jispjega li ma ttiehdux ritratti tal-appartament ghaliex huma ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-appartament gialadarba l-kaz gara barra u mhux gewwa. Meta mistoqsi dwar l-istat ta' l-appartament, is-Sur Degiorgio jispjega li kien ghad fadallu ftit xoghol biex ilestuh ghalkemm kien hemm xi affarijiet li kienu lesti. Hu jinnota ulterjorment li minn meta raw ilpersuna titfa l-gebla sakemm gew il-Pulizija kienu ghaddew madwar tliet kwarti, u meta telaghu fl-appartament mal-Pulizija lanqas lill-persuna li tefa' l-gebla ma sabu.

Illi f'nota ta' sottomissjonijiet finali, l-Awtorita' tkompli taghmel accenn fuq dak gia rrilevat minnha fl-ewwel risposta taghha ghal dan l-appell filwaqt li taghmel referenza ghax-xhieda tal-ufficjal Lee Degiorgio fl-affidavit guramentat tieghu. L-Awtorita' tinnota kif dawn il-provi sottomessi minnha juru li fis-sit inkwistjoni kien qed ikun hemm hafna rimi ta' skart tant li lufficjali ta' l-Awtorita' kienu qed jaghmlu spezzjonijiet ta' sikwit. Jinghad illi waqt spezzjoni li saret fil-31 ta' Mejju 2022 inqabdet persuna twaddab gebla fil-fatt minn gallarija. LAwtorita' tkompli ssostni li l-persuna li naqbdet dahlet gewwa u minflokha hareg l-appellant mill-istess gallarija, li sussegwentament nizel hdejn l-ufficjali tal-ERA u wara nuqqas ta' koperazzjoni intalbet l-assistenza tal-Pulizija. Jinghad li bl-intervent tal-Pulizija, l-appellant ikkopera mal-ufficjali tal-Awtorita' u pprovda d-dettalji tieghu, mehudha mill-ufficjal Yanica Grima, kif ikkonfermat minnha stess, filwaqt li l-appellant sahansitra assuma rresponsabilita' tal-incident de quo. Illi b'referenza ghar-Regolament 4A tal-L.S.549.40, l-Awtorita' tkompli ssostni li l-multa mposta mill-Awtorita' hi wahda gusta u propozjonata, u ghalhekk timmerita konferma.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni odjerna u tassottomissjonijiet maghmula mill-Partijiet;

Ikkunsidra;
Illi permezz ta' aggravju ewlieni, l-appellant qieghed jikkontesta l-impozizzjoni ta' multa amministrattiva ta' Eur1,000 imposta mill-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi fit-12 ta' Awwissu 2022 minhabba rimi ta' skart fi ksur tar-Regolament 4A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.40, u dan wara li ufficjali mill-ERA ghamlu spezzjoni fi Sqaq l-Ibghal nhar il-31 ta' Mejju 2022. Illi fl-aggravju tieghu, l-appellant jallega li l-Awtorita' m'ghandha ebda prova li torbot lill-

appellant mal-azzjoni mertu ta' din il-multa u ghalhekk qed tibbaza lkonkluzjoni taghha fuq allegazzjonijiet ipotetici maghmulha minn terza persuna li ma ratx ilfatti, iktar u iktar meta l-appellant ma kien jidher imkien fil-hin li gie kommess l-allegat incident.

Illi l-ERA min-naha taghha m'hijiex tikkontesta l-fatt li l-appellant ma kienx il-persuna li rema l-iskart, kif qed isostni fl-aggravju tieghu, izda ssostni li l-iskart intrema minn persuna ohra li ghaliha l-appellant assuma r-responsabilita' kemm quddiem l-ufficjali tal-ERA kif ukoll fil-prezenza tal-Pulizija. Illi fir-risposta taghha, l-ERA targumenta li filfatt it-terza persuna li jaghmel referenza ghaliha l-appellant kienu tliet ufficjali mill-istess Awtorita' li kienu qed jaghmlu spezzjoni fl-inhawi nhar il-31 ta' Mejju 2022, u f'dan ir-rigward lAwtorita' ssottomettiet tliet affidavits guramentati mill-ufficjali tal-ERA li kienu prezenti ghall-ispezzjoni dakinhar, fejn jirrakkontaw il-kors tal-avvenimenti kif graw. Illi fl-affidavit tieghu l-ufficjal Lee Degiorgio jispjega kif dakinhar tal-31 ta' Mejju 2022, hu u l-kollegi tieghu, raw lil xi hadd iwaddab gebla fil-fatt minn go gallarija tat-tieni sular fi blokka appartamenti u wara li sejhu lil din il-persuna biex jidentifika ruhu, l-istess persuna dahal lura fl-appartament u minfloku hareg l-appellant. Jinghad li wara li identifikaw ruhhom mieghu bhala ufficjali tal-ERA, l-appellant naqas milli jikkopera sabiex jipprovdi d-dettalji tieghu u s-sitwazzjoni baqghet tiskala tant li l-ufficjali tal-ERA kellhom jitolbu l-assisztenza tal-Pulizija. L-ufficjal Degiorgio jkompli jispjega li kien propju wara li kellmuh il-Pulizija li lpersuna identifikat ruhha bhala Edgaras Piesis, ossia l-appellant, fejn ikkonferma wkoll li hu kien qed jassumi r-responsabilita' tal-azzjoni. Illi mill-affidavit tas-Sur Degiorgio, u kif ikkonfermat anki mill-istess ufficjal waqt ix-xhieda guramentata tieghu tat-23 ta' Mejju 2023, jirrizulta li meta zewg ufficjali flimkien mal-Pulizija telghu fl-appartament minn fejn intefghet il-gebla, il-persuna li kienet propju wettqet l-azzjoni ma dehritx filwaqt li setghu josservaw li ghalkemm l-appartament kien kwazi lest, kienu qed isiru xi xoghlijiet ta' zbarazzar go fih. It-Tribunal jinnota li z-zewg ufficjali l-ohra tal-ERA prezenti waqt l-istess spezzjoni jikkonfermaw il-fatti kif gew spjegati mill-ufficjal Lee Degiorgio, filwaqt li l-ufficjal Yanica Grima izzid li kienet hi li hadet id-dettalji tal-persuna fil-prezenza tal-Pulizija u terga' tikkonferma li r-ragel li ha responsabilita' ghar-rimi idnetifika ruhu bhala Edgaras Pieses, ossia l-appellant.

Illi t-Tribunal jirreferi ghar-Regolament 4A tal-L.S.549.40 kwotat mill-Awtorita' liema Regolament jipprovdi s-segwenti:
4A. Ħadd ma jista' jarmi jew jiddepożita kwalunkwe oġġett jew materjal elenkat fi Skeda 2 fi kwalunkwe post pubbliku, triq, baħar jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi.

Illi l-iSkeda 2 li ssir referenza ghaliha fir-regolament surreferit propju tinkludi "materjal talbini" bhala dawk l-oggetti jew materjali li ghandhom jitqiesu bhala hwejjeg jew skart mormi skont dak li jipprovdi r-Regolament 4A. Illi ghalhekk huwa car li hadd ma jista' jarmi kwlaunkwe materjal tal-bini fi spazju accessat mill-pubbliku, bhal ma' huwa Sqaq l-Ibghal f'dan il-kaz, sakemm tali rimi ma jkunx awtorizzat.

Illi t-Tribunal josserva li l-fatti kif spjegati mill-ufficjali tal-ERA m'humiex jigu kontestati millappellant fil-mori tal-appell, anki wara li tnejn mit-tliet ufficjali prezenti ghall-ispezzjoni taw ix-xhieda guramentata taghhom quddiem dan it-Tribunal [Waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju 2023]. Illi minn dawn il-fatti jirrilzulta li, wara li identifika ruhu mal-ufficjali tal-ERA u l-Pulizija, kien l-appellant stess li assuma rresponsabilita' ta' l-azzjoni ta' rimi ta' skart minn terza persuna ohra li kienet fl-istess appartament mieghu. Illi din l-ammissjoni wahedha hija prova cara li l-appellant ma kienx qed jinnega li l-azzjoni kif osservata dakinhar mill-ufficjali tal-ERA kienet filfatt sehhet, u ghaldaqstant it-Tribunal ma jistax iqis li l-impozizzjoni tal-multa hija bbazata fuq allegazzjoni ipotetika jew ta' probabilita' kif qed jargumenta l-appellant fl-aggravju tieghu, iktar u iktar meta l-istess l-appellant, ghall-kuntrarju tal-ERA, naqas milli jgib kwalunkwe prova li l-iskart m'huwiex originat mill-appartament li kien jinsab fih.

Ghaldaqstant, gialadarba l-appellant assuma r-responsabilita' tal-azzjoni tar-rimi ta' l-iskart, dan it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jikkonferma l-ksur tar-Regolament 4A talLegislazzjoni Sussidjarja 549.40 li fuqu nharget in-Notifika tad-Decizjoni ghall-multa Amministrattiva mill-ERA datata 12 t'Awwissu 2022.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jichad l-aggravju tal-appellant filwaqt li jikkonferma lmulta amministrattiva kif imposta mill-Awtorita'.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, u wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tal-fatti speci kollha tal-kaz, qieghed jichad l-appell, u jikkonferma l-multa amministrattiva kif imposta mill-Awtorita' ghallAmbjent u r-Rizorsi.

## Ikkunsidrat

L-aggravju wahdieni tal-appellant hu illi t-Tribunal applika hazin il-ligi ta''hearsay evidence'. L-appellant jissottometti illi mix-xiehda prodotta ma jirrizultax ammissjoni da parti tieghu tal-fatt attribwit li jwassal ghal impozizzjoni tal-multa. Lanqas seta' t-Tribunal impona fuq l-appellant l-obbligu li jipprova li l-iskart ma originax mill-appartament tieghu. Il-prova pozittiva kellha issir mill-Awtorita.

Dan l-appell hu wiehed fieragh. L-appell hu biss dwar apprezzament tal-provi prodotti quddiem it-Tribunal u jekk dawn il-provi kienux sodisfacenti li jitfghu responsabilta ghal fatt illegali fuq l-appellant. L-appellant jipprova jghatti x-xemx bl-gharbiel. It-Tribunal strah fuq xhieda ta' tlett ufficjali tal-ERA li kienu fuq il-post raw persuna titfa' skart minn apartament u meta telghu ikellmuh, affaccjahom l-appellant li assuma r-responsabilta ghal dak li kien ghamel terz cioe r-rimi ta' skart. Bhala fatt jidher li kien qed isir sbarazzar mill-appartament li kien kwazi lest minn xoghlijiet. Dawn ix-xhieda stqarru dan kollu quddiem it-Tribunal u l-appellant fl-ebda mument ma ikkontesta din il-prova. Din mhux prova ta' 'hearsay evidence' izda provi ta' ufficjali li raw dak li sehh u fejn l-appellant assuma r-responsabilta ghall-agir ta' min tefa' l-iskart mill-appartament li fih kien hemm l-appellant. L-appellant ma ressaq ebda argument kontra dak li jrid ir-regolament 4A tal-L.S. 549.40 dwar l-elementi tal-illegalita kommessa. L-ERA resqet il-prova tal-att illegali u l-assunzjoni ta' responsabilta guridika tal-att kommess mill-appellant. Il-prova kuntrarja kellha issir mill-appellant mhux kif issottometta l-appellant fl-appell.

L-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-9 Novembru 2023, spejjez ghall-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur